Għawdex Qabel ir-Ritratti (42) minn JOHN CREMONA

# Għawdex fil-Kruċjati

Minkejja r-rabta mill-qrib li pajjiżna għandu mal-Kavallieri u minkejja l-pożizzjoni ġeografika tal-gżejjer Maltin, ftit li xejn għandna fdalijiet li juru li pajjiżna kellu xi rabta jew kellu xi relazzjoni mal-Kruċjati li kienu qegħdin isiru fl-Afrika ta' Fuq fiż-żminijiet tan-nofs. B'danakollu ma rridux ninsew li l-gżejjer tagħna kienu jinstabu eżattament fin-nofs tal-baħar Mediterran li kien jifred l-Ewropa Kristjana mill-Afrika Musulmana u allura nistgħu nissopponu li l-ispedizzjonijiet Kristjani bil-baħar f'xi ħin jew ieħor kellhom kuntatti ma' Malta u Għawdex kemm biex jistkennu waqt xi tempesta kif ukoll għar-rifornimenti.




Ħafna studjużi jaraw f'numru ta' lapidi tal-oqbra li kienu jinstabu fiċ-ċimiterju tar-Rabat Għawdex fejn illum hemm mibni l-Oratorju Dun Bosco, il-fdalijiet l-aktar żguri ta' dan il-perjodu mudlam ta' l-istorja. Dwar dawn il-lapidi ktibt diġà fl-artikli numri 19 u 26 ta' din is-sensiela imma llum ser nippubblika t-tielet u l-aħħar inċiżjoni li teżisti relatata ma' dan is-suġġett.

L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu ġiet stampata fl-ewwel volum tal-'*Malta Illustrata*' ta' Ġian Franġisk Abela u l-Konti Giovanni Antonio Ciantar li ġie mitbugħ fl-istamperija tal-Palazz tal-Gran Mastru fis-sena 1772. Meta jiġi biex jiddeskrivi dawn il-ġebel, il-Konti Ciantar kważi jwaqqa' għaċ-ċajt it-teorija li dawn il-lapidi kienu ta' Arċisqfijiet, Isqfijiet u nobbli li ħadu sehem flimkien mar-Re San Lwiġi IX ta' Franza fit-tmien Kruċjata kontra l-belt ta' Tunes fl-1270 kif kien kiteb De Soldanis fl-istorja ta' Għawdex fl-1746 u fl-inċiżjoni li ppubblika f'Ruma fl-1766. Huwa jistaqsi b'mod ironiku x'kienet ir-raġuni biex daqstant nies prominenti sabu rwieħhom midfuna f'Għawdex. Huwa kien tal-fehma li dawn il-lapidi kienu ta' personalitajiet li kienu jfittxu lil Għawdex għal raġunijiet ta' saħħa.

Ma naħsibx li Ciantar kellu raġun għalkemm it-teorija ta' De Soldanis għadha qatt ma ġiet ikkonfermata arkeoloġikament. Hu x'inhu l-fatt, ir-realta' tibqa' li l-Għawdxin ta' dari urew qima u rispett kbir lejn dan il-post, u dan żgur mhux minħabba xi erba' min-nies li mietu b'kawżi naturali. Dan jidher min-numru kbir ta' kappelli li kienu jeżistu fi spazju daqstant ristrett 'l ġewwa mill-ħitan taċ-ċimiterju kollha mogħnijin b'benefizzji u piżijiet u li l-ewwel ħjiel tagħhom imur lura tal-inqas għall-bidu tas-seklu ħmistax. Dawn il-kappelli kienu ddedikati lil; San Mikiel (1441)*, Il-Konverżjoni ta' San Pawl (1435), San Ġwann l-Evanġelista (1489), San Bartilmew (1497), San Nikola (1516), San Anton Abbati (1544), Santa Katerina (1544), San Blas, San Katald (1592) u l-Madonna tal-Ħniena. De Soldanis jgħid li l-għadd tal-kappelli ma baqax ta' dawn l-għaxra li jsemmi imma żdiedu matul iż-żmien. L-aħħar kappella li baqgħet teżisti kienet iddedikata lid-Duluri tal-Madonna u nħattet meta nbena l-Oratorju Dun Bosco.

Il-fatt li bħal dawn il-lapidi ma nstabux oħrajn f'ebda mkien ieħor fil-gżejjer Maltin, aktar jiġbed favur it-teorija ta' De Soldanis. Studjużi li analizzaw id-disinji ta' fuq l-oqbra kif jidhru f'din l-inċiżjoni, jaraw fl-istilla li tidher fuq il-lapidi numru XIII u XXVIII simbolu importanti marbut mat-Templari, jew Kavallieri li kienu jieħdu sehem fil-ġlidiet biex tinħeles l-Art Imqaddsa. Jekk dan huwa minnu, x'aktarx li dawn huma l-uniċi fdalijiet li għandna ta' dan il-perjodu mqalleb tal-istorja.

L-inċiżjoni magħmula minn pjanċa tar-ram hija l-istess bħal dik li kien ippubblika De Soldanis u li tidher fl-artiklu 26 ta' din is-sensiela. Għalkemm iż-żewġ inċiżjonijiet huma eżattament indaqs u kważi perfettament l-istess, jidher li saru żewġ pjanċi differenti għaż-żewġ inċiżjonijiet. L-inċiżjoni għandha qisien ta' 290mm x 185mm u hija mmarkara bħala Tav. XVIII.

**data meta jissemmew l-ewwel darba*